**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Appell Nru: 228/2000**

**Il-Pulizija ( Spettur Angelo Caruana )**

**Vs**

**CARMEL CURMI**

**Illum, 5 ta'Novembru, 2001.**

Il-Qorti :

Rat l-akkuzi dedotti kontra Carmel Curmi talli (**1**) f'Hal-Qormi, fix-xahar ta'Novembru, 1999, u matul ix-xhur ta'qabel, ikkommetta serq ta'oggetti minn stores tal-Price Club Operators Limited, liema serq huwa kwalifikat bil-persuna, u li sar ghad-detriment tad-Diretturi ta' l-istess Price Club, (**2**) fis-16 ta'Novembru, 1999, u matul ix-xhur ta' qabel din id-data, f'Malta xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Rat is-sentenza moghtija fl-20 ta'Ottubru, 2000, mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali li biha, filwaqt li sabet lill-Carmel Curmi mhux hati tat-tieni akkuza w lliberatu minnha, sabitu hati ta' l-ewwel akkuza, u lliberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena ai termini ta' l-Artikolu 9 tal-Kap. 152.

Rat ir-rikors t'appell ta'Carmel Curmi datat 30 ta'Ottubru, 2000, li bih talab li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata fil-parti liberatorja taghha, u thassarha w tirrevokaha fil-parti fejn sabitu hati biex b'hekk jigi liberat minn kull htija w piena.

Rat l-aggravju ta' l-appellant.

Rat il-provi, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi minn ezami tal-provi li sar minn din il-Qorti, hi ma ssib ebda raguni l-ghaliex ghandha, b'xi mod, titbieghed, jew tvarja xi haga, minn dak li kkonkludiet l-ewwel Qorti. In bazi tal-provi li kellha quddiemha, dik il-Qorti certament setghet ragjonevolment u legalment tasal sabiex issib u tiddikjara htija fl-appellant fl-ewwel akkuza, limitatament ghal dawk l-oggetti li nstabu fil-pussess tieghu, u li jirrizultaw li hu qatt ma kien gie awtorizzat li jarmihom l-ghaliex kienu skaduti, bhal ma gara ghar-rigward xi prodotti ohra. Dan il-fatt jammettih l-istess appellant fl-istqarrija tieghu. Il-provi huma ferm cari li ma jhallu ebda dubju dwar din ir-responsabilita' kriminali ta' l-appellant, u din il-Qorti taqbel bis-shih mal-konkluzzjonijiet ta' l-ewwel Qorti kemm ghal dak li jirrigwarda l-meritu, kif ukoll ghall-piena nflitta.

Ghalhekk, il-Qorti tichad l-appell ta'Carmel Curmi w tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

Aldo Testone
Deputat Registratur